FOND GĦALL-IKTAR SAĦĦA U SIGURTA FIL-KMAMAR TAN-NAR LI JAĦDMU FUQ BAŻI VOLONTARJA

# Linji Gwida 2020

## 1. INTRODUZZJONI

Il-Kunsill Malti għall-Arti jirrikonoxxi li l-festa Maltija hija parti mit-tessut kulturali tal-bliet u l-irħula tagħna. Minsuġ ma' dawn il-festi nsibu numru ta' kmamar tan-nar li jieħdu ħsieb iżewqu l-iljieli sajfin tagħna b'kuluri u koreografiji mill-isbaħ. Il-maġġoranza ta' dawn il-kmamar tan-nar jaħdmu fuq bażi volontarja fejn ħafna piroteknici ta' kull età jqattgħu sigħat twal ta' ħidma sfiqa b'risq il-festi għeżież tagħna. F'dan l-isfond, il-Kunsill Malti għall-Arti qiegħed għal sena oħra jniedi l-"Fond għall-kmamar tan-nar li jaħdmu fuq bażi volontarja" bil-għan li jiġi faċilitat investiment li jkompli jsaħħaħ l-infrastruttura ġewwa l-kmamar tan-nar sabiex dawn il-ħaddiema volontarji jaħdmu f'ambjent dejjem iktar sigur. Dan il-fond qiegħed jiġi amministrat mill-Kunsill Malti għall-Arti fi ħdan il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

## 2. GĦAN

F'bosta bliet u rħula, kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, insibu kmamar tan-nar li normalment huma marbuta mal-festi tradizzjonali Maltin. F'dawn il-kmamar tan-nar issib nukleu ta' nies li jaħdmu s-sena kollha b'mod volontarju biex imbagħad jaħsdu l-frott ta' ħidmiethom fil-jiem tal-festa tar-raħal jew belt tagħhom. Insibu li l-kultura tan-nar f'pajjiżna tmur lura diversi għexieren ta' snin u llum il-ġurnata, il-logħob tan-nar huwa meqjus bħala prodott turistiku artistiku, jagħmel parti mill-patrimonju kulturali Malti. L-għan ta' dan il-finanzjament huwa biex kull kamra tan-nar f'Malta tiġi allokata fondi sabiex tkun tista' ttejjeb l-infrastruttura tagħha biex il-voluntiera fi ħdanha jkunu jistgħu jaħdmu f'post iktar sigur (kemm waqt il-manifattura, kif ukoll waqt il-ħruq tal-istess nar) kif ukoll sabiex ikunu jistgħu jinvestu f'riżorsi li jgħinu sabiex tittejjeb il-kwalità tal-prodott piroteknikυ Malti vis-a-vis s-saħħa u s-sigurtà.

L-għan ewlieni wara dan il-proġett huwa t-tnedija ta' skema finanzjarja li tagħti spazju lill-kmamar tan-nar rispettivi sabiex joħorġu b'ideat u proposti sabiex jagħmlu:

- •Restawr tal-kmamar tan-nar infushom,
- •Investiment fl-infrastruttura tal-kmamar tan-nar,
- •Investiment f'makkinarju u għodda li jiffaċilitaw il-manifattura tan-nar u jagħmlu l-produzzjoni iktar sigura,
- •Investiment f'apparat u armar biex ikunu jistgħu jaħarqu n-nar b'mod iktar sigur,
- •Investiment f'riżorsi ta' tagħlim f'dak li għandu x'jaqsam ma' saħħa u sigurtà fil-manifattura tan-nar,
- •Tisħiħ ta' kollaborazzjoni bejn il-kmamar tan-nar Maltin.

## 3. DEFINIZZJONIJIET

Għall-iskop ta' dawn il-linji gwida, it-termini li ġejjin huma definiti kif ġej:

**Applikant:** Applikant irid ikun liċenzjat bħala "kamra tan-nar". Din trid tkun irreġistrata bħala organizzazzjoni volontarja. F'każ li l-kamra tan-nar tkun tagħmel parti minn għaqda mużikali, l-istess għaqda mużikali trid tkun irreġistrata bħala organizzazzjoni volontarja.

**Applikazzjoni:** Applikazzjoni hija sottomissjoni minn applikant eliġibbli, li tinkludi d-dokumentazzjoni obbligatorja kollha u kwalunkwe annessi relatati mal-fond.

**Benefiċjarju:** Il-benefiċjarju huwa r-riċevitur tal-għotja. Il-benefiċjarju huwa responsabbli għall-implimentazzjoni tal-proġett iffinanzjat mill-fond.

**Evalwatur:** Il-Kunsill Malti għall-Arti jaħtar grupp ta' evalwazzjoni għal kull sejħa li taqa' taħt dan il-fond.

**Għotja:** L-għotja hija l-ammont allokat għal applikazzjoni b'suċċess.

**Fond:** Dan huwa programm ta' finanzjament ta' inċentivi kulturali b'allokazzjoni ta' €170,000 għall-2020. Kull kamra tan-nar tista' tibbenefika sa massimu ta' €5,000.

**Ġestjoni u amministrazzjoni tal-fond:** Il-Kunsill Malti għall-Arti hu responsabbli għall-ġestjoni ta' dan il-fond. Il-korrispondenza uffiċjali kollha, inkluża s-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, għandha tintbagħat fl-indirizz indikat f'dawn il-linji gwida.

**Organizzazzjoni:** Organizzazzjoni stabbilita lokalment u/jew irreġistrata pubblikament f'Malta, li għandha statut. L-organizzazzjonijiet volontarji għandhom ikunu rreġistrati mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji skont ir-rekwiżiti tal-Att dwar Organizzazzjonijiet Volontarji (www. maltacvs.com).

**Konformità:** Jekk xi materjal obbligatorju jkun nieqes mid-dossier tal-applikazzjoni sottomessa, l-applikazzjoni sħiħa titqies mhux kompluta u tiġi miċħuda bħala mhux konformi. Applikazzjonijiet mhux konformi ma jkomplux jiġu pproċessati.

**Eliġibbiltà:** L-applikazzjonijiet konformi, l-ewwel jiġu eżaminati f'termini tal-eliġibbiltà tal-proġett mill-evalwaturi maħtura. Proposti li mhumiex ikkunsidrati eliġibbli f'termini tal-kriterji stabbiliti ma jibqgħux jiġu pproċessati u ma jibqgħux għaddejja mill-proċess ta' evalwazzjoni.

**Evalwazzjoni:** Kull applikazzjoni konformi mal-kriterji ta' proġett eliġibbli mbagħad tiġi evalwata skont il-kriterji stabbiliti f'dawn il-linji gwida mill-evalwaturi maħtura. Il-Kunsill Malti għall-Arti jirriserva d-dritt li jitlob iktar informazzjoni u intervista mal-applikant.

## 4. LINJI GWIDA

Il-proposta għandha tinkludi deskrizzjoni tal-proġett u l-baġit rispettiv.

Fil-proposta għandu jintwera f'iktar dettall kif il-proġett jissodisfa l-kriterji ta' evalwazzjoni ta' dan il-fond. Tittieħed deċiżjoni dwar l-iffinanzjar fuq is-saħħa tal-informazzjoni sottomessa.

### Deskrizzjoni tal-proġett

Għandu jiġi pprovdut tqassim dettaljat ta' dan li ġej (fejn applikabbli):

### Deskrizzjoni Ġenerali:

1. Il-kuntest tal-proġett
2. L-għanijiet u l-objettivi tal-proġett
3. Deskrizzjoni dettaljata u konċiża ta' dak li jinvolvi l-proġett, inklużi l-attivitajiet speċifiċi kollha relatati mal-proġett

### Perjodi ta' żmien tal-proġett:

Jiġi dikjarat tqassim (b'dati indikattivi) tal-fażijiet jew attivitajiet ewlenin tal-proġett.

### Il-Baġit tal-Proġett

Għandu jiġi pprovdut tqassim dettaljat u stimi jew invoices ta' dan li ġej (fejn applikabbli):

**Baġit dettaljat tan-nefqa:** Dan għandu jinkludi tqassim ta' spejjeż eliġibbli relatati mal-proġett, li jinkludu kemm is-servizzi kif ukoll l-ispejjeż ta' partijiet terzi. L-ammont allokat huwa ta' €5,000.

## 5. KONFORMITÀ

Lista ta' verifika għall-konformità tal-applikazzjoni tiegħek

**Obbligatorju:**

1. Formola tal-applikazzjoni kompleta, iffirmata u datata – kopja waħda oriġinali,

2. Kopja tal-karta tal-identità ta' Licensee – kopja waħda,

3. Il-proposta tal-proġett: Il-proposta trid tinkludi deskrizzjoni tal-proġett u baġit tal-proġett,

4. Ċertifikat ta' reġistrazzjoni mal-Kummissarju tal-Organizzazzjonijiet Volontarji – kopja waħda,

5. Mal-applikazzjoni, trid tiġi ppreżentata dikjarazzjoni mis-Segretarju tal-Għaqda Volontarja li tgħid li l-post tan-nar huwa proprjetà ta' dik l-Għaqda,

6. Kmamar tan-nar li japplikaw għal dan il-fond tal-2020, ser jirċievu l-fondi kemm-il darba ma jkunx hemm proġetti approvati fil-passat (2019) li jkunu għadhom pendenti. Għal din is-sena, dawn huma proġetti approvati taħt il-fond tal-2020,

7. Jekk il-proġett ikun jikkonsisti fi twaqqigħ/bini ta' strutturi immobbli, trid tiġi ppreżentata dikjarazzjoni minn perit li tikkonferma li jkunu nġabu l-permessi neċessarji. Din id-dikjarazzjoni hemm bżonnha wkoll jekk ikun ser isir tqattigħ ta' art li tkun għadha fl-istat naturali tagħha (blat jew ħamrija).

**Il-proġetti mhumiex konformi jekk:**

Jiġu sottomessi minn applikanti li mhumiex ċittadini Maltin fil-pussess ta' permess ta' residenza f'Malta jew karta tal-identità,

Ma jkunux konformi mal-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-Għaqdiet Volontarji fid-data tal-applikazzjoni u matul il-perjodu kollu tal-proġett, l-applikazzjoni tingħata wara 12:00 (nofsinhar) tal-31 ta Lulju 2020.

## 6. EVALWAZZJONI

Filwaqt li l-materjal mandatorju għandu jiġi sottomess sal-iskadenzi stipulati, il-Maniġers tal-Fond għandhom dritt jitolbu materjal addizzjonali mill-applikanti matul il-fażi ta' valutazzjoni. Il-Maniġers tal-Fond jistgħu jitolbu lill-applikant biex jattendi laqgħa jew sessjoni ta' pitching mal-evalwaturi.

Ir-riżultati ta' kull sejħa rispettiva (applikazzjonijiet b'suċċess, mingħajr suċċess u ineliġibbli) jinħarġu fid-data indikata fil-perjodi taż-żmien tas-sottomissjoni. Ma tinħareġ ebda informazzjoni dwar il-proċess ta' evalwazzjoni qabel in-notifika tar-riżultat uffiċjali. Kwalunkwe forma ta' talba tiskwalifika awtomatikament l-applikazzjoni.

L-informazzjoni kollha riċevuta mill-Maniġers tal-Fondi titqies bħala kunfidenzjali kemm matul kif ukoll wara l-proċess ta' evalwazzjoni. Dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data u l-kunfidenzjalità għal proġetti ta' suċċess għandhom jiġu inklużi fil-Ftehim tal-Għotja.

**Id-deċiżjoni tal-Bord ta' Evalwazzjoni hija finali u mingħajr dritt ta' rikors.**

## 7. IMPLIMENTAZZJONI U MONITORAĠĠ

Il-benefiċjarji jiġu nnotifikati formalment bir-riżultat, l-ammont ta' finanzjament mogħti għat-twettiq tal-proġett, u kwalunkwe kundizzjoni oħra relatata mal-għotja. Meta jaċċettaw l-għotja, l-applikanti jaċċettaw li l-isem tagħhom, it-titlu tal-proġett u l-ammont mogħti jistgħu jiġu ppubblikati mill-Kunsill Malti għall-Arti.

Wara li jiġi mogħti l-proġett, ftehim ta' appoġġ tal-proġett legalment vinkolanti, bejn il-Kunsill Malti għall-Arti u l-benefiċjarju se jagħti dettalji dwar il-kundizzjonijiet u l-ammont ta' finanzjament.

**Fil-każijiet kollha, il-pagamenti jiġu pproċessati wara l-iffirmar tal-kuntratt.**

L-għotja riċevuta għandha tintuża biss għall-għan li għalih ingħatat, f'konformità mal-proġett ippreżentat, il-korrispondenza tal-approvazzjoni u l-ftehim ta' appoġġ

għall-proġett. Il-benefiċjarji għandhom jinfurmaw lill-Kunsill Malti għall-Arti minnufih jekk isiru xi bidliet li jaffettwaw in-natura tal-proġett matul l-implimentazzjoni.

Il-Kunsill Malti għall-Arti jista' jbiddel jew jirtira għotja jekk il-bidla fil-proġett ma titqiesx raġonevoli f'relazzjoni mal-proposta inizjali jew jekk ma jkunx infurmat fi żmien raġonevoli dwar il-bidliet. Kull tibdil fl-applikazzjoni oriġinali għandu jiġi approvat bil-miktub mill-Kunsill Malti għall-Arti. Il-Kunsill Malti għall-Arti għandu dritt li jbiddel jew iżid kundizzjonijiet ġodda għall-ftehim matul l-implimentazzjoni, jekk dan jitqies neċessarju għall-ġestjoni xierqa tal-għotja u l-amministrazzjoni tajba tal-proġett.

## 8. RAPPORT TAL-PROĠETT

Fit-tmiem ta' kull proġett, il-benefiċjarji jintalbu jissottomettu:

- Rapport dettaljat li jenfasizza x-xogħol imwettaq,
- Kopji ta' kull immarkar rilevanti, pubbliċità jew materjal ta' informazzjoni żviluppat għall-proġett iffinanzjat, inkluża evidenza fotografika u stqarrija għall-istampa,
- Rapport tad-dħul u nfiq dettaljat tal-proġett, imqabbel mal-baġit dettaljat tal-proġett sottomess mal-applikazzjoni.

**Is-sottomissjoni ta' dan il-materjal għandha titlesta fi żmien xahar mill-għeluq tal-proġett. Il-Kunsill Malti għall-Arti għandu dritt jagħmel użu mill-materjal tal-proġett sottomess.**

## 9. SOTTOMISSJONI

Il-Linji Gwida, flimkien mal-formola tal-applikazzjoni jistgħu jinġabru mis-sit elettroniku tal-Kunsill Malti għall-Arti

L-applikazzjonijiet għandhom jitwasslu bl-idejn mhux iktar tard mit-**31 ta' Lulju 2020 sa 12.00 (nofsinhar)** fl-indirizz t'hawn taħt:

**Fond Kmamar tan-Nar**
**Kunsill Malti għall-Arti**
**16 Casa Scaglia**
**Triq Mikiel Anton Vassalli**
**Valletta**
**VLT 1311**

**TIME LINE TAL-PROĠETT**

| | |
|---|---|
| Tnedija tal-Iskema u jibda ż-żmien li matulu jintlaqgħu l-applikazzjonijiet | 20 ta' Ġunju 2020 |
| Data ta' għeluq taż-żmien fejn jintlaqgħu l-proposti | 31 ta' Lulju 2020 |
| Jitwaqqaf Kumitat tal-Għażla | 31 ta' Lulju 2020 |
| Jitħabbru l-inizjattivi magħżula | 30 ta' Settembru 2020 |
| Jiġi ffirmat il-kuntratt finanzjarju | Settembru 2020 |
| Jintlaqgħu r-rapporti finali tal-proġetti li jinkludu r-rapport finanzjarju. | 30 ta' Settembru 2021 |